MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2009

Numru 1252/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**

**Vs**

**Doreen Guellouma**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Doreen Guellouma ta’ 36 sena, bint Joseph Carabott u Catherine nee` Zammit, imwielda Pieta` nhar is-26.08.1972 u residenti no. ‘Sunset’, flat no.10, Triq il-Hgejjeg, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 366272(M).

Akkuzatha talli f'Rahal Gdid nhar l-20 ta' Dicembru 2008 ghal-habta ta' nofs in-nhar, iddenunzjat lil Pulizija Esekuttiva reat li taf li ma sarx, inkella bil-qerq holqot tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar, ai termini ta' l-Artikolu 110 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi, bil-qerq holqot jew gieghlet li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu il-quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra is-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat, ai termini ta' l-Artikolu 110 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet provi.

Rat l-atti u dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok PAC 1 u nnutat li l-imputata m'ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputata iddikjarat li hi hija hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata wiegbet li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Innutat li l-Ispettur Anthony Portelli fid-deposizzjoni tieghu moghtija fis-Seduta tallum, inter alia, qal li l-imputata ikkoperat mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 110 (1) u 110 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Doreen Guellouma, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali tal-imputata, li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza u li l-Ispettur Anthony Portelli fid-deposizzjoni tieghu moghtija fis-Seduta tallum, inter alia, qal li l-imputata ikkoperat mal-Pulizija u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputata Doreen Guellouma ghal piena komplessiva ta’ sena (1) u erba’ (4) xhur prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ tliet (3) snin millum l-imputata Doreen Guellouma tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Doreen Guellouma l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A (4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------